Kunsill Lokali - Ħad-Dingli – Local Council
Ċentru tal-Komunita’
Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli, DGL 1880.
Tel. No. 21456060
E-mail: dingli.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Had-Dingli

## DISA’ LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 13/ K9/ 2021

**Data tal-Laqgha: 04 ta’ Awwissu 2021**

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħad-Dingli Itaqa’ fis-14.30 ta’ waranofsinhar.

### PREŻENTI:

Raymond Schembri - Sindku
Sandro Azzopardi - Viċi Sindku
David Vassallo - Kunsillier
Paul Mamo - Kunsillier
Ryan Tanti - Kunsillier

### ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Lexine Farrugia – Ambaxxattriċi taż-Żgħazagħ

### ASSENTI

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Shawn Tanti – Segretarju Eżekuttiv

**Sindku** : Raymond Schembri
**Viċi Sindku** : Sandro Azzopardi
**Kunsilliera** : David Vassallo, Paul Mamo u Ryan Tanti
**Segretarju Eżekuttiv** : Shawn Tanti

**Minuti**

**13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.**

13.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 12/K9/2021**

13.2.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 12/K9/2021

13.2.2 Il-Kunsillier Paul Mamo ssekonda

13.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament

**13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

13.3.1 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill li sar qtugħ ta' ħaxix fi Triq Laparell, Triq Panoramika u Triq il-Maddalena.

13.3.2 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li tkomplew jinbnew aktar ħitan tas-sejjiegħ fi Triq il- Ħbula permezz tal-Miżura 4.4.

13.3.3 Is-Sindku Raymond Schembri nforma ukoll li saret manutenzzjoni fuq żewġ tabelli li saret ħsara fuqhom minn xi vetturi kbar fi Triq San Pawl il-Pitkali.

13.3.4 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lil dan il-Kunsill li l-Ħamis 15 ta'Lulju s-Segretarju kellu laqgħa ġo dan il-bini fejn iltaqaw mal-environmental ragers assenjati lilhom minn Ambjent Malta. Dawn xogħlhom huwa li jassistuna fiż-żamma tal-indafa u kontroll fejn tidħol Natura 2000.

13.3.5 2 Is-Sindku Raymond Schembri nforma li d-data tat-Tnejn 26 ta' Lulju kienet l-aħħar ġurnata fejn setgħu jagħddulna l-kitba tagħhom fuq iż-Żagħfran li jmiss.

13.3.6 Is-Sindku Raymond Schembri nforma ukoll li għal sena oħra bdew magħna studenti fuq l-iskema tal-works exposure, waqt li għandna studenta Universitarja tassistina fuq I.T.

**13.4**

**Tweġibijiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

13.4.1 Il-Kunsillier David Vassallo staqsa fuq ix-xogħol li sar f'Misraħ Suffara. Staqsa jekk aħniex kuntenti bix-xogħol li saru jekk għandniex xi komunikazzjonijiet fuq ix-xogħol li sar fuq din it-triq. Is-Sindku Raymond Schembri wieġeb li hu kkomunika ma min għamel ix-xogħol għax fl-opinjoni tiegħu ma sarx għal-livell li kien jixtieq.

**13.5 Sinjali f' tas-Sienja**

13.5.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona li la darba ma kien hemm l-ebda permess ma' TM sabiex jinżebgħu sinjali ġodda f'din it-triq, dawn għandhom jerġgħu jinżebgħu kif kienu qabel.

13.5.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

13.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**13.6 Traffic Flow Triq tas-Sienja, Mużew u San Ġwann Bosco**

13.6.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex wara li nfetħu t-toroq ġodda napplikaw għal Traffic Flow kif ġej: It-Triq tas-Sienja tiġi one way 'il ġewwa, Dun Bosco tiġi one way direzzjoni lejn is-salesjani u tal-Mużew tiġi pedastrian priority

13.6.2 Il-Kunsillier David Vassollo ssekonda.

13.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**13.7 Tiswija ta'dawl fl-ewwel fażi tal-proġett tal-pjazza**

13.7.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex jinħargu l-kwotazzjonijiet ħalli jintranġaw dawn id-dwal f'din il-fażi tal-proġett.

13.7.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda

13.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.8 Interview Board Vakanzi ta’ Clerks

13.8.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex fuq l-interview board ikun hemm huwa bħala chairperson, il-Viċi Sindku Sandro Azzopardi, kif ukoll il-kunsilliera David Vassallo, Paul Mamo u Ryan Tanti kif ukoll is-Sinjorina Deborah Farrugia.

13.8.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda

13.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.9 Proġett Slow streets

13.9.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex nibgħatu email lis-Sur Mario Fava sabiex naraw meta nistgħu nibdew dan il-proġett kif ukoll sabiex nibgħatu lil Transport Malta biex naraw jekk jgħinuniex fl-ispejjeż tal-implimentazzjoni ta’dan il-proġett

13.9.2 Il-Viċi Sindku Sandro Azzopardi ssekonda.

13.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.10 Sit f’Tal-Veċċa

13.10.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex b’mod urġenti niltaqgħu mas-CEO tal-LANDS sabiex jispegawlna l-kuntratt li l-Kunsill Lokali għandna magħhom

13.10.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

13.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.11 Proġett Misraħ Santa Duminka

13.11.1 Is-Sindku Raymnd Schembri propona sabiex isir on site meeting mal-Ministeru kkonċernat u war dan il-meeting il-pjanta terġgħa tittella għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali

13.11.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

13.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**13.12 Jum Ħad-Dingli 2021**

13.12.1 Is-Sindku Raymond Schembri ħabbar li l-applikazzjoniet għal ġieħ Ħad-Dingli jgħalqu fit-30 t'Awwissu u ħabbar ukoll li l-attivita` ta' Jum Ħad-dingli issir fl-ispazju miftuħ Dylan Żahra fid-19 ta' Settembru 2021.

13.12.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda

13.12.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**13.13 Parking Bay f'Triq il-Kbira**

13.13.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona sabiex nibgħatu lil Transport Malta biex naraw jekk hux possibli li jindaħlu Motorcycle Bay f'din it-Triq

13.13.2Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

13.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**13.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagmenti**

13.14.1 Is-Sindku Raymond Schembri pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Dok. 2 sa Dok. 3)**

13.14.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

13.14.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**13.15 Mozzjonijiet**

13.15.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**13.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

13.16.1. Il-laqgħa ntemmet fit-16:15 u ġiet aġġornata għall-2 ta' Settembru 2021 fl-15:00.

13.16.2. Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

12.16.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum 02 ta' Settembru, 2021

| | |
|---|---|
| **FFIRMATA** | **FFIRMATA** |
| Raymond Schembri | Shawn Tanti |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |